**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 419/2019 AGV**

**ABC (ID nru: 522896 M)**
**Vs**
**DEC (ID nru: 468313 L)**

**Il-Qorti;**

**Rat r-rikors ta' ABC datat 11 ta' Settembru 2019, fejn espona bir-rispett u kkonferma;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fid-9 ta' Dicembru 2006 fil-Coastline hotel Salini, limiti ta San Pawl il-Bahar, certifkat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg, huma kellhom tifla bl-isem ta' FGC;
3. Illi sussegwentament, il-partijiet isseperaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi, datat 11 ta' April 2017, kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;

**4.** Illi skont ma jigi kkonstatat mill-istess kuntratt ta' separazzjoni hawn anness, il-partijiet ilhom separati de facto minn Frar tas-sena 2015, vide klawzola numru erbgha tal-kuntratt tas-separazzjoni personali;

**5.** Illi ghalhekk jirrizulta li ghaddew izjed minn erba' snin minn meta l-partijiet bdew effetivament jghixu de facto separati minn xulxin, u ma jezisti ebda prospett ragenevoli ta'rikonciljazzjoni bejniethom;

**6.** Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghal hall definittiv taz-zwieg u divorzju bejn il-partijiet;

**7.** Illi l-esponenti jiddikjara li huwa domicijlat f' Malta ghal effetti u l-finijiet tal-artikolu 66 N (1) ( a) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment lil dina l-Qorti sabiex joghgobha;**

1. Tiddikjara z-zwieg tieghu minn mal-intimat DEC mahlul b' mod defninittiv u li l-partijeiet huma divorzjati ghall-effetti, u l-finijiet kollha tal-Ligi.
2. Sabiex dina l-istess Qorti, konsegwentament tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk javza lid-direttur tar-Regsitratur Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex b' hekk dan ikun jista' jigi registrat fir-registru Pubbliku skont il-Ligi, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina Qorti, jidhilrlha li huma xierqa u opportuni.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' DEC datata 21 ta' Frar 2020 fejn esponiet bir-rispett;**

1. Illi huma minnu li l-partijiet izzewwgu fid- 9 ta' Dicembru 2006, u li ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dr. Clinton Bellizzi, datat 11 ta' April 2017 u li ilhom de facto separati minn Frar tas-sena 2015;

2. Illi huwa minnu li ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
3. Illi minkejja dan, f' dal-istadju l-esponenti tirrileva li ir-rikorrent ma ottemporax ruhu ghal kollox ma' klawzoli, dsatax, ghoxrin u hamsa u ghoxrin tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, liema klawzoli jirregolaw l-modalita' u l-manteniment kif ukoll spejjez in konnessjoni mal-minuri FGC, jekk kif ser jigi elaborat u ppruvat waqt t-trattazzjoni tal-istess kawza;

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, f' dal-istadju, l-esponenti qed tikkontesta it-talba tar-rikorrenti u dana biss sakemm jottempera ruhu ma' dak patwit fil-kuntratt kif suespost, sabiex jigu sodisfatti ir-rekwiziti kollha mehtiega ai termini tal-artikoli 66 B tal-Kap. 16.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Il-Qorti rat li in vista tal-oggezzjoni kontenuta fir-risposta tal-intimata, l-attur qed jiddikjara illi lest li jhallas l-ammont ta 'mitejn u tmienja u tletin Ewro li jidher li hemm kontestazzjoni fuqhom u li jirrigwardaw 'extra-curricular activities' relatati mal-istess minrui, u dana minghajr pregudizzju ghal posizzjoni tal-attur, rigward il-kuntratt tas-separazzjoni riferibilment ghall-manteniment.

Infatti l-attur ghadda seduta stante tat-12 ta' Marzu 2020, quddiem din l-istess Qorti, l-ammont indikat lill-intimata.

U ghalhekk l-intimata qed tirtira it-talba taghha.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**